KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 55 Tnejn 12 ta' Frar 2018

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:50 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar – Viċi-Sindku
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Mario Sammut – Kunsillier

ASSENTI
Rachel Tua – Kunsillier
Joseph Gatt - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

55.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Mario Sammut. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 54.
Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 54.

55.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

55.3.1 Korrispondenza – Parking Sta. Margerita Triq il-Midbaħ
Is-Sindku nforma li rċevejna ittra mir-residenti biex jsiru *traffic calming measures* fosthom *camera* magħrufa li tagħti ċ-ċitazzjonijiet*,* minħabba l-mod kif qed jipparkjaw fejn il-ħanut

Maltco. Is-Sindku nforma li *camera* ta' dan it-tip ma nistawx nagħmlu, għalhekk ħa nitolbu lil LESA u lil-Pulizija biex jagħmlu *enforcement* fuq il-post.
Is-Sindku fakkar lil Kunsilliera Borg u Deguara biex jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom peress li kellhom xi idejat kif forsi nistaw insolvu jew nimmeljoraw is-sitwazzjoni.

### 55.3.2 Kommunikazzjoni-Palazz ta' Kaspru

Is-Sindku nforma li kienet saret bidla fi Triq Palazz ta' Kaspru fejn Triq Sta. Margerita saret *one-way* bi dħul lejn Triq Palazz ta' Kaspru. Fit-tarf ta' din it-triq hemm entrattura ta' dar u garaxx, fejn issa ġiet abbitabli u ġiet *blind corner* għas-sid tal-garaxx biex joħroġ il-vettura tiegħu. Kienu wkoll twaħħlu *bollards* peress li l-bankina hija dejqa ta' madwar 45cm.

- Fit-8:00 daħal għal laqgħa l-Kunsillier Dr. Karl Tanti.

Is-Sindku nforma li fl'2017 kienet saret petizjoni, biex din it-triq tkun *one-way,* pero s-Sindku ssuġġerixxa li l'ewwel u qabel kollox jkun hemm sigurta qabel il-konvenjenza, u għalhekk issuġerixxa li tinqaleb il-*one-way* u tiġi bil-kontra, jiġifieri dħul fi Triq Palazz ta' Kaspru, u mhux ħruġ kif qegħda bħalissa. Il-membri preżenti qablu unanimament li jintalab jsir studju min Transport Malta, u ssir *public consultation* mar-residenti taż-żona.

### 55.3.3 Kommunikazzjoni - E.B Vella u Triq San Anton Abbati

Is-Sindku nforma li saret *speed bump* fi Triq E.B Vella, u saret wara li nġabret petizzjoni, allura ma ntbgħatitx ittra bħal ma jsir is-soltu lir-residenti, imma l-Kunsill ma kellux oġġezzjoni u mexxejna billi tlabna permess lil Transport Malta kif inhi l-proċedura. Jidher li min ġabar il-petizjoni ma ġabarx il-firem mir-residenti kollha tat-triq, u fejn kienet qed tiġi ssuġerita lis-*speed bump.*

Għalhekk, il-Kunsill qabel li ma naċċettawx petizjoni biss, imma xorta nibgħatu ittra lir-residenti. Is-Sindku ħa jmur fuq il-post biex jara eżatt, u jekk hemm bżonn titneħħa.

Is-Sindku nforma li bħall E.B.Vella, fi Triq San Anton Abbati hemm wkoll *speed bump* fejn l-istatwa ta' San Anton Abbati, fejn wkoll irċevejna petizjoni biex ssir speed bump ftit metri l'isfel peress li kien hemm xi aċċidenti ma faċċata ta' residenza. Il-Kunsill qabel li jsiru sinjali ta' *speed limit* għax m'hemmx, kif wkoll jekk hemm bżonn *crash barrier.*

### 55.3.4 Kommunikazzjoni – Tender tat-Tarmac

Is-Sindku nforma li rigward it-tender konġunt ta' tarmac li ħareġ ir-reġjun, fejn is-sejħa għalqet fid-9 ta' Frar. Inġabret applikazzjoni waħda, pero' ħadd ma tefa' bid. Dan għaliex il-fondi allokati jridu jintużaw sa l-aħħar ta' Marzu, u probabilment ma kenitx se tkun viabbli għal kuntrattur biex jlesti sa żmien stipulat u jispiċċa jeħel il-penali, peress li bħala toroq kien se jkun hemm tal-Mosta, ta' l-Imġarr, u r-Rabat żgur li jridu jitlestew sa l-aħħar ta' Marzu.

Is-Sindku nforma li kellem lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, biex naraw x'jista jsir, fejn is-Segretarju nforma li se jkellem lid-Direttur sabiex jintalab estensjoni tal-fondi allokati, biex jkun jista jerġa jinħareġ it-tender.

### 55.3.5 Kommunikazzjoni – Cat Cafe fi Ġnien Blata l-Għolja

Is-Sindku nforma li kien hemm l-appell tal-Cat Cafe, fejn preżenti għal-appell kien hemm is-Segretarju Eżekuttiv, l-Onor. Ivan Bartolo, u uffiċjal tal-Animal Welfare, fejn l-istess uffiċjal għamel preżentazzjoni bir-ritratti. Kien hemm wkoll resident li ġabar il-petizzjoni mingħand ir-

residenti li kienu kontra dan il-proġett. Is-Sindku nforma li dan kien ser ikun proġett sabiħ, pero' il-Planning Authority ma approvatx l-applikazzjoni fejn l-istess applikazzjoni qabel l-appell kienet diġa *refused*, għalhekk irridu naħdmu biex nsibu post alternattiv.

### 55.3.6 Kommunikazzjoni – Proġetti PAMA

Is-Sindku nforma li ltaqa' mal-perit tal-PAMA, fejn ġie diskuss ix-xogħol tal-bankini, li għadhom għadejjin, il-pjanta tal-funtana ta' l-iljun ġewwa l-Pjazza, iż-żewġ ġonna u l-ktieb.

Is-Sindku nforma lil membri preżenti li ż-żewġ ġonna kellhom jiswew 230,000 Ewro flimkien, u l-pjanta ta' Ġnien Kevin Vella waħeda telgħet għal 470,000 Ewro. Għalhekk s-Sindku talab *breakdown* ta' x'inhuma l-ispejjes u talab biex l-ispiża titnaqqas għal 300,000 / 320,000 Ewro, fejn 90,000 Ewro jrid joħroġhom l-Kunsill. Skond l-figuri li preżentalna l'*accountant,* f'Jannar 2019, il-Kunsill jkun jista joħroġ 90,000 Ewro, pero' l-ewwel ħa napplikaw biex nużawhom mil-fond ta' Development Planning Fund u nitolbu lid-Direttur tal-Gvern Ċentrali jekk nistawx, jekk le nitolbu permess lid-Direttur biex din l-ispiża joħroġa l-Kunsill.
Peress li dan il-ġnien ħa jkun l'ewwel f'Malta magħmul b'affarijiet teknići apposta għal min hu nieqes mid-dawl, u għal-persuni b'diżabilita, l-ispejjes huma konsiderevoli minħabba l-apparat li qed jiġi propost.

Is-Sindku nforma wkoll li talab lil periti tal-PAMA biex mil-pjanta titneħħa l-funtana li kienet se tiswa 11,000 Ewro, kif wkoll 11,000 Ewro f'bankijiet, 3,000 Ewro f'*dustbins* fejn dawn jista jagħmilom il-Kunslil b'inqas flus. Il-Periti tal-PAMA għandom jibgħatu pjanta riveduta sal-15 ta' Marzu 2018.

Fil-każ ta' Ġnien taż-Żokkrija, dan ħa jsir kollu mil-Kunsill bil-fondi ta' Development Planning Fund , u mhux mil-PAMA.

Fir-rigward tal-bankini, ix-xogħol għaddej, fil-fatt għada kemm tlestiet Main Street, u min 200,000 Ewro, s'issa infaqna 77,000 Ewro f'xogħol ta' bankini. Is-Sindku semma li bankini ser jsiru skond kemm fadal flus u mhux skond il-metraġġ, peress li kif qed isir ix-xogħol tal-bankini mhux sempliċiment qed jinbiddel il-wiċċ, imma f'ċertu postijiet hemm bżonn tinbidel il-kurduna u service box ukoll.

### 55.3.7 Kommunikazzjoni – Proġetti

Is-Sindku nforma li bħala proġetti applikajna għal Triq il-Ġnejna, Triq Charles J. Vassallo u Triq Dun Mikiel Xerri, u qed nistennew risposta mil-Lands, kif jkollna l-*go ahead* napplikaw għal-Development Planning Funds.

### 55.3.8 Kommunikazzjoni – Oġġezzjoni Tal-Wej

Is-Sindku rringrazzja lil Kunsilliera ta' l-appoġġ tagħhom peress li kellu jibgħat *email* malajr lil Kunsilliera minħabba Planning Application li kien hemm bżonn jikteb ittra ta' *objection,* fejn kopja ta' l-ittra intbagħtet lil-Kunsilliera. L-*objection* saret minħabba li t-talba għall-applikazzjoni hi ta' '*top soil removal for investigation*', l-istess bħal ma sar f'tal-Qares, fejn imbagħad ħareġ permess għal l-iżvilupp, għax iż-żona ġiet ikkunsidrata *2nd class heritage.*
Is-Sindku talab jekk kienx hemm xi mistoqsijiet jew kummenti. Il-Kunsilliera appoġġaw unanimament l-ittra ta' *objection.*

### 55.3.9 Kommunikazzjoni – Triq Madre Tereza

Is-Sindku nforma li xi ħaġa sabiħa li għamel dan l-aħħar, huwa li kkuntatja lil Transport Malta fuq Triq Madre Tereza fejn parti min din it-triq qatt ma saret u r-residenti ilhom jistennew 35 sena biex issir. Bħalissa f'din it-triq l-iżvilupp tlesta u t-triq ħa tiġi tinfed, fejn ħa jsir t-tarmac, ir-residenti avviċinaw lis-Sindku peress li parti min din it-triq qatt ma saret. Is-Sindku tkellem ma Transport Malta, fejn ħa jerġaw joħorġu tender biex jsiru iż-żewġ naħat tat-toroq, peress li huwa fil-mertu tagħha li l-ewwel darba li ssir triq issir min Transport Malta.

- Fit-8:25 daħlet għal laqgħa il-Kunsilliera Dr. Angele Rapa.

Bl-istess raġunament Triq Wied is-Sir ħa jsir it-tarmac wkoll pero' mhux fil-parti li tagħlaq, u għalhekk Transport Malta taw il-kelma tagħhom wkoll li din il-parti li tagħti għal-*kinder garden* ħa ssir wkoll. Għandha ssir ukoll Triq Sir Arturo Mercieca.

### 55.3.10 Kommunikazzjoni – Attivitajiet

Is-Sindku nforma li qed niġu proposti b'żewġ attivitajiet kulturali fejn waħda marbuta ma l-ismijiet Ċelju Tonna u Mattew Callus li huma żewġ min-nies li jmorru lura fis-snin, u hemm xi għana marbuta magħhom. Il-mara tal-mibki professur Ġorġ Mifsud Chircop qed tissuġġerixxi biex intellaw attivita biex infakkru lil dawn in-nies.
Is-Sindku nforma li għad irid jiltaqa' mas-sinjura Mifsud Chircop biex jara xi spejjes tinvolvi din l-attivita.

Il-kor ta' Santa Ċeċilja qed ifakkru 60 sena mit-twaqqif tiegħu, fejn ħa jittella kunċert fil-kappella tal-Oratorju ta' Ġesu. Ser nkunu organizzaturi flimkien magħhom biex jitella dan il-kunċert.
Is-Sindku nforma li s-Surmast ta' dan il-Kor Edwin Zammit kien ingħata 'Ġieħ il-Mosta'. Il-kunċert ser jsir matul l-jiem tar-Randan.

Il-membri preżenti qablu unanimament li l-Kunsill jalloka *budget* ta' €250.

### 55.3.11 Kommunikazzjoni – Ġimgħa l-Kbira

Is-Sindku nforma għal-Ġimgħa l-Kbira l-Kunsill joħroġ l-permessi għas-siġġijiet kif wkoll għal-bejjiegħa tal-qagħaq, fejn il-permessi joħorġu biss fiż-żona tal-*parking*.

Fi-20:30 il-Kunsillier Christian Borg ħareġ mil-laqgħa.

### 55.3.12 Kommunikazzjoni – Ktieb dwar karattri Mostin

Is-Sindku nforma li ltaqa' ma Paul P. Borg li jiġi ħu ex-Kunsillier, fejn qiegħed jaħdem fuq pubblikazzjoni ta' ktieb dwar karattri Mostin. Dan huwa ktieb tipikament Mosti, fejn l-awtur qabad min kien jaħdem fi-snajja antiki u intervistom.
Is-Sindku nforma li lil-awtur taħ xi ismijiet oħra fejn tidħol il-professjoni u anke xi ismijiet ta' qassisin. Dan il-ktieb ħa jkun interessanti ħafna u bi ftit flus nkunu nistaw nfakkru is-snajja u professjonijiet antiki li qed jiġu minsijin maż-żmien.

Is-Sindku nforma li għal dan il-proġett daħħal lil-Professur George Cassar li ħa jkun qed jgħin lis-Sur Paul Borg, u nforma wkoll li għandu jirċievi stima ta' kemm se jiswa dan il-proġett biex jiġi ppublikat dan il-ktieb kemm dak li għandu x'jaqsam ma' l-awtur kif wkoll *printing.*

Fi-20:36 il-Kunsillier Christian Borg daħal lura għal-laqgħa.

Is-Sindku nforma li l-awtur għandu ktieb ieħor kontra l-abort, u staqsa jekk Mosta Solidali tinteressaħiex tippublika dan il-ktieb taħt Mosta Solidali peress li l-ktieb huwa fuq *issues* soċjali, għalkemm jkun qed joħroġ l-ispejjes il-Kunsill.

Il-membri preżenti qablu mal-kunċett, u s-Sindku għandu jiprovdi l-istimi għal l-approvazzjoni tal-Kunsill.

### 55.3.13 Kommunikazzjoni – Pulizija

Is-Sindku nforma li ltaqa' mal-Pulizija fejn ressaq rapporti pero' l-*feedback* jkun minimu, u għalhekk is-Sindku ħa jkompli jirsisti biex jkollna *feedback* tajjeb, peress li hemm rapporti li ilhom li saru.

### 55.3.14 Kommunikazzjoni – Outdoor Gym Żokkrija

Is-Sindku nforma li ltaqa' mal-President tal-Kunsill Skolastiku taż-Żokkrija l-Professur George Cassar, fejn kien hemm proposta mis-Sindku ta' qabel Ivan Bartolo fejn il-Kunsill flimkien ma l-iskola jinbena *outdoor gym* fil-*premises* ta' l-iskola, li jkun aċċessibli għal-pubbliku waqt il-ħinijiet li ma jkunux ta' l-iskola.
Is-Sindku nforma li jrid jerġa jiltaqa' mal-Kunsill Skolastiku biex jara x'jinvolvi bħala spejjes biex dan il-proġett ta' l-*outdoor gym* jsir mil-Planning Development Funds.

Proġett ieħor huwa il-*Walk a Mile,* fejn hemm *track* twil mil. *Walk a Mile* huwa kunċett li daħal fis-sena skolastika ta' din is-sena, fejn it-tfal qed jiġu nkorraġġuti li jimxu dan il-mil, u għal kull mil li jimxu jingħataw *token.* Fejn dan it-*token* jiġi msarraf f'ċertifikat li qed tgħix ħajja *healthy.* Qed nipruvaw li l-kunċett tal-*Walk a Mile*, jinħareġ għal-pubbliku.

### 55.3.15 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Public Toilets

Is-Sindku nforma li l-kuntrattur ma setgħax jattendi għal-laqgħa, u nforma lil-membri li s'issa nħarġulu żewġ *default notices*.

F'dan l-istadju l-Perit qed jiffinallizza l-pjanta tal-*public toilets*, biex nkunu nistaw napplikaw biex dan il-proġett jsir mil-Planning Development Funds.

## 55.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 55.4.1 Korsijiet tal-Komputer

Il-Kunsillier Frans Deguara staqsa jekk hemx xi korsijiet tal-komputer. Is-Sindku nfurmaħ li tqassmu *leaflets* lir-residenti, u għal aktar informazzjoni jista jibgħat jsaqsi lil Katya ħalli tunfurmaħ bid-dati peress li qed tieħu ħsieb il-*bookings.*

### 55.4.2 Musiċisti ta' l-Arkodjans

Il-Kunsillier Frans Deguara ġie avviċinat min persuna u mistoqsi jekk grupp ta' musiċisti jistawx jużaw is-sala tal-Kunsill biex jipprattikaw l-istrument tagħħom. Is-Sindku nforma lil-Kunsillier Deguara biex jinforma lil-għaqda biex jibgħatu *email* bid-dettalji, biex Candice tkun tista tagħtihom id-dettalji dwar *bookings* fuq is-Sala.

### 55.4.3 Ħarġa tal-Kunsill

Il-Kunsillier Frans Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss hija il-Ħamis 15 ta' Frar, u ħa tkun il-Limestone Heritage ġewwa is-Siġġiewi.

### 55.4.4 Mosta Solidali

Il-Kunsillier Frans Deguara nforma li-*newsletter* li jmiss ta' Mosta Solidali mixjin, pero' irridu naħdmu fuq ir-reklamar.

### 55.4.5 Speed Bumps

Il-Kunsillier Jesmond Gauci preżenta kopja ta' estratti mil-minuti numru 47.4.1, dwar mistoqsija fuq *speed bumps* fl-*area* ta' Triq San Ġużepp, Triq San Paċifiku, Triq Ġanni Chetcuti u Triq Salvu Gatt peress li f'dawn it-toroq il-vetturi jibqaw ħerġin.
Is-Sindku talab biex jintbagħtu *public consultation letters.*

### 55.4.6 Bankina fi Triq San Anton Abbati

Il-Kunsillier Karl Tanti talab għal-*feedback* dwar il-bankina fi Triq San Anton Abbati.
Is-Sindku nforma li ntbagħtet ittra legali lil-applikant, fejn l-applikant għandu jħarrek lil-kuntrattur.

### 55.4.7 Sqaq Xorxa

Il-Kunsillier Karl Tanti talab *feedback* dwar sqaqien ġewwa l-Mosta li għandhom jsiru bil-*concrete imprint,* bil-*Planning* Development Funds, u talab jekk żdiedx Sqaq Xorxa mal-lista kif wkoll bħala dawl tradizzjonali. Is-Sindku kkonferma, u nħarġet il-*works order* lil Perit.

### 55.4.8 Vjal Indipendenza

Il-Kunsillier Karl Tanti talab *feedback* dwar Vjal Indipendenza fuq ix-xogħolijiet li qed jsiru, peress li tħalla diżastru, b'mod speċjalment bix-xita li niżlet din il-ġimgħa. Is-Sindku nforma li bħala *ownership* ta' dawn ix-xogħolijiet hija Transport Malta, u għal kull nuqqas jew periklu mil-kuntrattur, Transport Malta tieħu ħsieb fejn jidħol *enforcement.*

### 55.4.9 Pilot Project Richmond Foundation

Il-Kunsilliera Angele Rapa nfurmat lil membri preżenti li kella laqgħa mas-CEO tar-Richmond Foundation dwar fondi tal-EU biex jsir *training the trainers,* fejn se jagħmlu *pilot project* mal-Mosta, u diġa iffirmaw kuntratt mad-DLG.
Il-Kunsilliera Rapa qegħda f'kuntatt mar-Richmond Foundation biex jiġu reklutati voluntiera li jixtiequ jgħinu, u jkollhom *training* professjonali fuq *mental health first aid* fil-komunita. Kull min jattendi dan it-*training* ħa jkun rikkonoxxut fis-soċjeta, kif wkoll jkollhom is-superviżjoni meħtieġa.
Bħala Kunsill ħa nirreklamaw fuq il-*facebook page* tal-Kunsill, kif wkoll fuq in-*newsletter* ta' Mosta Solidali.

### 55.4.10 Triq Burmarrad

Il-Kunsillier Mark Micallef Costa, staqsa jekk saritx talba lil Transport Malta dwar *plastic bollards* bħala sigurta fit-triq, minħabba li vetturi qed isuqu b'mod perikoluż. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li ntbagħtet il-korrispondenza lil Transport Malta u qed nistennew risposta.

### 55.4.11 Walking Club

Il-Kunsillier Christian Borg qasam l-ideja mal-membri preżenti biex jsir *walking club*, fejn ninkuraġixxu residenti Mostin, fosthom anzjani jew nies li ma joħorġux min darhom, kif wkoll nies li mhux mil-Mosta li jixtiequ jżuru bil-mixi postijiet rurali ġewwa l-Mosta.
Dan il-*walking club* jgħin mhux biss bħala eżerċizzju, imma wkoll biex niskopru u jiġu apprezzati postijiet ġewwa l-Mosta. L-ideja li kull ħarġa ssir darba fix-xahar jew kull tlett ġimgħat, u talab għal-appoġġ tal-Kunsilliera biex jaħdmu flimkien biex jiġi kreat dan il-*walking club.*

Is-Segretarju Eżekuttiv offriet għajnuna amministrattiva fejn nkunu nistaw nirreklamaw sia fuq il-*facebook page* tal-Kunsill, kif wkoll nibgħatu lis-*subscribers list* li għandu l-Kunsill.

#### 55.4.12 Sqaq Nru. 1, Triq L-Oratorju

Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici ressqet ilment ta' resident li *continuous single yellow line* u ġie mibdul f'kaxxa bajda. Is-Sindku nforma li hija kaxxa safra u mhux bajda. Il-Kunsilliera Bonnici qalet li skont l-approvazzjoni ta' Transport Malta jrid jkun hemm *continuous single yellow line.*
Is-Sindku qara l-ittra ta' approvazzjoni ta' Transport Malta li nħarġet fl'2009, fejn tgħid li fit-2000 sar *yellow line* mentri dan il-*yellow line* jrid jkun it-tul ta' l-isqaq, allura jista jkun li l-*parking* qed jtellfu.
Għalhekk is-Sindku ħa jmur *on-site* biex jiċċekkja.

#### 55.4.13 Triq it-Tin

Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici resqet ilment min xi residenti li meta t-triq ġiet irranġata, ma saritx kollha, saret biss il-parti ta' fuq. Allura l-ilma tax-xita qed jinżel kollu fil-parti ta' isfel tat-triq, u min joqgħod fit-tarf tat-triq, fil-parti li tingħalaq, u qed jitolbu li jsiru *rain water culverts.*
Is-Sindku nforma li jista jkun hemm problema ma fejn ħa jinqabdu l-*water culverts*. Is-Sindku nforma li jista jkun jifdal xi fondi min żewġ toroq li pjanati biex jsiru, u jekk iva jkun jista jingiref il-wiċċ biex l-ilma jaqleb mod ieħor, pero' ma jistax jwiegħed dan għalissa.

#### 55.4.14 Triq Ponsomby

Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici resqet informazzjoni minn xi residenti li Transport Malta għandhom jinfurmawna li hemm kaxxa safra li trid issir bajda.
Is-Sindku nforma li kif nirċievu min Transport Malta, nimplimentaw.

#### 55.4.15 Triq Kostituzjoni

Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici qalet li hemm ħofra quddiem il-Mosta Electronic Centre.
Is-Segretarju Eżekuttiv għanda tinforma lil Transport Malta peress li hija triq arterjali.

### 55.5 Rapporti

#### 55.5.1 Letter of Acceptance -Tender for the provision of General Architectural services to the Mosta Local Council

Is-Sindku nforma li saret l-evalwazzjoni, u nħatret il-kumpanija Design & Technical Resources Limited.

#### 55.5.2 Cancellation/Re-Issuing KLM T02-2017 Tender for the provision of Legal Services

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti, li l-*bids* jvarjaw bejn 7,000 Ewro u 19,000 Ewro, u għalhekk ikkorispondejna mad-dipartiment tal-kuntratti peress li hemm distakk bejn l-*bids* li ntefaw. Id-Dipartiment tal-Kuntratti nfurmana li f'każijiet bħal dawn it-*tender* jitwaqqa u jinħareġ ieħor.
Il-membri preżenti qablu unanimament biex jerġa jinħareġ t-*tender*, u jinħareġ bir-rata fis-siegħa skont ix-xogħol, bi *threshold* sa massimu ta' 450 Ewro fix-xahar.

#### 55.5.3 Awarded KLM 09/2017 – Tender for Street Sweeping and Cleaning in Mosta in an environmentally friendly manner

Is-Sindku nforma li ġie konkluż l-evalwazzjoni fejn fl-ewwel post ġew żewġ *bidders,* fejn ħa nitolbu direzzjoni lid-DLG kif irridu naħdmu f'dan il-każ.
Jekk tippermetti l-liġi, l-membri preżenti qablu unanimament li jinqasmu biż-żoni.

### 55.5.4 Financial Statements as at 2017

Il-Kunsillier Christian Borg bħala persuna kwalifikata ta' rendikont ta' l-*accounts* peress li ma setgħax jattendi l-*accountant* tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Borg qal li l-*Financial Statements* huma l-istess kif ta' rendikont l-*accountant* tal-Kunsill, fejn hemm *surplus* ta' 220,000 Ewro kif kien previst fil-*budget*, fejn dan l'ammont fir-realta mhuwiex flus f'idejna imma *commitments* li għandu l-Kunsill.

Il-Kunsillier Borg spjega kif intefqu l-flus, li wkoll bejn l-2016 u l-2017 bqajna pratikament l-istess, u l-iktar ħaġa mportanti hija l-aħħar paġna fejn tispjega jekk hemx *financial risk management,* fejn jkun hemm spjegat fid-dettal ir-riskji u previżjonijiet li jista jkun il-Kunsill jkun jgħaddi minnhom, li ma jidhirx li hemm. Tajjeb wkoll li bħala Kunsill bqajna għadejjin b'ritmu tajjeb biex jitnaqqas id-dejn.

## 53.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 53.6.1 Skeda ta' pagamenti

L-iskeda ta' pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

### 52.6.2 Purchase Orders

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

### 52.6.3 Works Orders

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

### 52.6.4 Petty Cash

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

## 53.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:25 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-Tnejn 12 ta' Marzu 2018 fis-7:30 p.m.

Konfermati llum 12 ta' Frar 2018.

| | |
|---|---|
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |